# DRIEGH IL-MULEJ FL-ISTORJA TAL-GENS LHUDI

12. *Il-Jasar ta' Iżraeli*

Salmanzar, is-sultan ta' l-Assirja, kien mar jeħoda ma' Osija ta' Iżraeli, li dineb quddiem Alla, u ħakmu. U Osija ħtiegħlu jibda jħalsu l-ħaraġ. Imma, wara żmien, dan issieħeb mas-sultan tal-Eġittu u ftiehem miegħu li ma jibqax iħallas il-ħaraġ lil Salmanazar. Dan wassluhielu din il-fehma ta' Osija u reġa' mar jeħodha miegħu, u ħarbtu, u ħadu taħt idejh u xeħtu l-ħabs. Salmanazar daħal Samarija u ħadhielu u ġarr miegħu wlied Iżrael ġewwa l-Assirija u għagħalhom jgħammru ma' tul ix-xtajta ta' Gozan fl-ibliet ta' Hala u ta' Habar fl-artijiet tal-Medi.

Għax kos, ulied Iżraeli wara li Alla ħabbhom u ħelishom minn taħt il-ħakma ta' Farawni sultan ta' l-Eġittu, waqgħu fid-dnub u għajb għalihom tbiegħdu mill-Mulej, Alla tagħhom. U tellgħu vari fuq il-quċċati ta' l-għoljiet u ħarqulhom il-lubien u taw qima lil dawn l-allat tal-frugħa. U għad li Alla nebbaħhom u wissiehom b'fomm il-Profeti, xejn bih ma riedu aktar jisimgħu u webbsu rashom f'dik il-ħajja l-ħażina tagħhom, biex jimxu mad-drawwiet ta' ta' l-għedewwa tagħhom u baqgħu jqimu lil Baal u jammnu bħalhom bis-sharijiet u joqogħdu għalli jwebblulhom is-saħħara. Fuq hekk, Alla seħethom u aktar bihom ma riedx jaf; u wlied Iżrael li karkruhom barra mill-artijiet tagħhom u baqgħu t-turrufnati sal-lum.

U Salmanazar ħajjar ġnus oħra jmorru jgħammru fl-ibliet ta' Iżraeli: u anqas dawn ma qagħdu għalli Alla ried minnhom; u Alla bagħad f'nofshom id-driebes jeqerduhom. U s-sultan bagħtilhom f'Samarija qassis minn ta' Iżraeli li kien fost l-irsiera tiegħu, biex hu jgħarafhom kif jagħtu qima l' Alla. Imma, dawk in-nies tellgħu knejjes lill-allat tagħhom; u kull ġens lill-allat ta' art twelidhom. U minn dak iż-żmien issemmew Samaritani.

13. *Tobija Waqt il-Jasar*

Tobija kien mill-ġebbieda ta' Neftali u mill-belt ta' dan l-isem. F'żogħżitu mexa dejjem fit-triq tas-sewwa; u waqt li kullħadd kien imur jagħti qima lill-gagoll tad-deheb kif kien riedhom Ġeroboamu, hu biss ħarab u mar jgħammar Ġerusalemm biex hemm jagħti qima lill-Mulej Alla tiegħu fil-Maqdes, u lilu kien jagħti l-bħur ta' l-egħlejjel tar-raba' u ta' kull ġid li kellu. U meta sar raġel ħa b'martu 'l Anni, minn ġidd qrabatu, u twelidlu tifel li semmieh bħalu, Tobija; u minn żogħritu għallmu jibża' mn'Alla u jitbiegħed mit-tiġrib tad-drawwiet l-imgħarqa.

U meta mbagħad Salmanazar sultan ta' l-Assiri ħa lilu, lil martu u 'l ibnu rsiera ma' l-Iżraeliti l-oħra kollha fil-belt ta' Niniveh, kieku qatt darba niġġeż l-ikel tan-nies li fosthom kien jgħammar ma' tul il-jasar tiegħu! U billi kien iħobb l'Alla laqqgħu mas-Sultan; u s-sultan issaħħar warajh u telaqlu jdur għal riħu u ħallieh imur fejn irid, bla ħadd ma jindaħallu, u, minn fuq, tah f'idejh għarma fidda. U Tobija kien dejjem iżur l-irsiera sħabu u ifarraġhom finniket tagħhom, u jqassam il-ħobż lill-imġewħin u xaqaq lil dawk li jin-

ħteġuhom sabiex jinsatru, u jidfen il-mejtin. U sew dik il-ħabta li sab ruħu f'Roges, belt minn tal-Medi, mar iżur lil Gabel, wieħed minn qrabatu; u billi sema' li dan kien magħkus, silfu għaxart ewwieq tal-fidda. Li fi żmienu kienu jsarrfu bosta (qisuhom: £2437 ta' żmienna); u dak għamillu minn idejh għalihom.

Issa ġara li għodwa waħda, meta nġabar id-dar wara d-difna ta' bosta mejtin, Tobija xteħet jistrieħ taħt ħajt, u għajnu marret bih. U waqt dik ir-raqda tiegħu, waqa' fuq wiċċu minn bejta tal-għasafar il-ħmieġ sħun ta' ħuttaf, u għamieh. Issa Alla ħallieh jiġrilu hekk biex iġarrab is-sabar tiegħu bħalma kien għamel ma' Ġobb. U Tobija ħa kollox minn idejn Alla, u kieku biss gemgem darba; u baqa' jgħix fil-biża' tal-Mulej u lilu jiżżiek ħajr għomru kollu talli dejjem waqaf miegħu.

U martu Anni kienet ta' kull jum tmur tinseġ fi djar in-nies biex bix-xogħol ta' idejha taqla' għall-ħajja ta' żewġha, u ta' binha, għax dik il-ħabta Sennakerib, bin Salmanazar, ħataflu l-ġid li kellu x'ħin semmewlu li kien jidfen il-mejtin li f'dagħdigħa tiegħu hu kien bagħat joqtol; u Tobija u martu u binhom kienu neqsin minn kollox għaliex l-inqas kellhom ma' min iwasslu aħbar lil Gabel biex kieku jara jroddilhomx il-flus li kienu silfuh billi issa fil-faqar tagħhom jinħtieġuhom.

U issa Tobija għaddielu minn moħħu li wasal għall-mewt u sejjaħ lil ibnu Tobija ma' ġenbu biex qallu: "Meta Alla jogħġbu jiġborli ruħi, fi ħdanu, inti idfen ġismi; u qis li tweġġaħ 'l ommok għall-bqija ta' għomorha; u meta ħajjitha tintemm, idfen lilha wkoll f'qabar wieħed miegħi. Żomm l'Alla quddiem għajnejk għal għomrok kollu. La qatt tħalli d-dnub jirkbek; u qassam dejjem mill-ġid tiegħek lill-foqra: jekk ikollok qatigħ, qassam qatigħ; jekk int ikollok il-ftit, imqar mill-ftit qassam kemm tista' u b'qalbek kollha, l-għaliex l-għajnuna tal-fqir teħlisna mill-mewt u ma tħallix ir-ruħ tintilef fid-dlamijiet ta' dejjem. Aħrab kull ma jista' jtabba' r-ruħ tiegħek; ara la qatt titkabbar b'xi frugħa ta' fehmtek jew b'xi kliem żejjed. U qis li inti qatt ma tridlu 'l għajrek dak li inti ma tkun ridt lilek in-nifsek. Stħarreġ dejjem fehmet min hu egħref minnek, u bierek l'Alla f'kull żmien ta' ħajtek.

Imbagħad kellem lil ibnu Tobija fuq il-flus li żmien qabel silef lil Gabel ta' Rages; u wrieh xewqtu li jħejji ruħu jitlaq u jmur isib lil Gabel u jiġbor il-flus, u newwillu l-kitba li kien għamel mn'idejh Gabel biex ikun jista' jurih li mibgħut minn qaribu. "Mur issa, ibni", qallu, "u ma għandek xejn mniex tibża'; aħna qegħdin ngħaddu ħajja mġebbda wisq ta' fqajrin li aħna, iżda għad ikollna. Iva, bosta biex nitħennew jekk nibżgħu mn'Alla u naħdmu għall-ġid."

14. *Tobija u l-Anġlu*

Mal-ħarġa t-tajn! Tobija ż-żgħir, mal-kelma ta' missieru, hejja ruħu biex jitlaq lejn Rages; u kif ħareġ mill-għatba 'l barra ltaqa' ma' żagħżugħ wieqaf f'nofs ta' triq donnu jaħsibha għandux jitlaq jew lè. U billi Tobija raħ minn tagħna u dħuli sellimlu u mar fuqu jistaqsih jafhiex it-triq li twassal fl-artijiet tal-Medi. U l-ieħor wieġbu: "Bosta drabi jien terraqt l'hinn, u Gabel laqagħni f'daru f'Rages". Fuq hekk, Tobija talbu jidħol id-dar għand missieru, u missieru talbu jistax iwassal l'ibnu sa Rages. U dak iż-żagħżugħ wieġbu li jwasslu sa hemm u jarġa' jwassalulu

lura qawwi u sħiħ; u qallu ukoll: "Agħmel il-ħila, dalwaqt Alla jibgħatlek id-duwa għal fejqan ta' għajnejk"! U Tobija ż-żgħir għannaq 'l ommu u 'l missieru, u telaq ma' dak iż-żagħżugħ lejn Rages.

Ma' tulek ja triq, Tobija daħħal riġlejh fl-ilma tax-xmara; u f'dak il-waqt, ħuta kbira tal-biża' ħebbet għalih u riedet tibilgħu. U billi t-tifel twerwer, iż-żagħżugħ li kien miegħu għamillu l-ħila jaħtaf il-ħuta minn garġejha u jiġbidha l-art, u mbagħad jiftaħha u joħorġilha l-qalb u l-marrara u l-fwied; u qallu li dawn jiswew wisq għad-duwa, għaliex jekk nitfa qalb tinxtewha id-duħħan li joħroġ minnha iħarrab minnufih ix-xjaten mir-rġiel u min-nisa: u l-marrara tiswa biex tidlek biha l-għajnejn u tfejjaqhom. U t-tifel Tobija sama' milli qallu dak il-barrani, u baqgħu sejrin flimkien għal xogħolhom. U dan il-barrani mbagħad ħajru jieqaf għand qaribu Rakjel, li dan ma kellux għajr bint waħda, u kien jixraq wisq jitolbu jżewwiġhielu. Iżda. Tobija wiegħbu: "Smajt li seba' darbiet oħra żewġuha, u ta' kull darba x-xjaten qatlulha r-raġel mill-ewwel lejl tat-tieġ". U dak il-barrani fis tennielu: "Nagħtik kelma, u isma' minni li ma jkollokx għaliex tindem; dawk li jiżżewġu b'fehma li jitbiegħdu minn Alla biex jagħtu ruħhom għall-ħtija, ix-xitan jegħlibhom ikollu setgħa fuqhom. Iżda, imbagħad. meta inti tinġabar magħha, ibdew biex flimkien titolbu l-ħniena t'Alla u ixħet il-fwied tal-ħuta fuq il-ġamar u x-xitan jitlaqhom minnufih u jaħrab, u Alla jagħnik bl-ulied".

U waslu d-dar ta' Rakjeli, u fehmuh min kienu, u hu laqagħhom b'idejh miftuħa; u sar għors sħiħ daqs kemm ferħu b'xulxin. U meta Rakjeli riedhom joqogħdu fuq il-mejda, Tobija qallu: "Min għalija ma nikolx qabel ma inti tagħtini kelma ta' raġel li żżewwiġni 'l bintek Xara (Sara)". Iżda, Rakjieli, fuq li kien ġralhom lis-sebat'irġiel l-oħra ta' bintu, stamat, ħabat jitnikker u jtemtem ma jafx x'fiħandu jwiegbu. Hawn issa ndaħal dak il-barrani li wassal lil Tobija, u qallu: "La tibżax 'il bintek tagħtiha lil dan ir-raġel li jibża' minn Alla, il-għaliex ħadd għajru ma jista' jeħodha b'martu". U Rakjiel qegħdilhom id f'id u tejjiegħom, u bierek 'l Alla.

U meta daħal il-lejl inġabru waħedhom għar-rqad. U Tobija xeħet fuq il-ġamar il-fwied ta' dik il-ħuta; u l-Anġlu Rafel ħarrab lix-xitan. Imbagħad Tobija qal lil martu Zara: "Ejja nitolbu 'l Alla għal tlitt iljieli, għax jinħteġilna nkunu bħal ulied Alla u mhux le bħal dawk li ma jridux jafu bih". U t-tnejn flimkien talbu 'l Alla b'ħeġġa u ħrara kbira.

U x'ħin sebaħ, Rakjieli bagħat iħaffer qabar, għax ħaseb li Tobija kien ġralu bħalma ġralhom is-sebat irġiel ta' qablu. Imbagħad mar jittawlilhom: u x'ħin wassluIu li huma qawwijin u sħaħ u reqdin flimkien, Rakjieli bagħat dik is-siegħa lill-qaddejja tiegħu jimlew il-ħofra; u hu u martu bierku l'Alla għax kollox mar sewwa. U talab lil Tobija jibqa' miegħu ġimagħtejn; u mill-ġid li kellu, qassam nofsu lil Tobija, u għamillu minn idejh li n-nofs l-ieħor iħallihulu b'wirt wara l-mewt tiegħu u ta' martu Anni.

U Tobija talab liż-żagħżugħ barrani biex kieku jasallu wasla sa Rages, ifittex lill-Gabel. U dak iż-żagħżugħ telaq u mar għand Gabel, u urieh il-kitba tas-self. Dan laqgħu u raddlu kulma kien issellef. U Gabel mar miegħu jifraħ lil Tobija f'dar Rak-

jiel, u bierek lilu u lil martu, u 'l missieru u 'l ommu. Rakjieli, imbagħad, ħalliehom jitilqu lil Xara u lil Tobija, u tahom li wegħedhom, nofs il-ġid li kellu u nofs il-qaddejja tiegħu u l-merħliet u l-iġmla, u ħafna flejjes u raħħmilhom minn qalbu; u hu u Anni għannqu lil binthom u bagħtuhom qawwijin u sħaħ, u mimlijin bil-ġid u l-hena.

15. *Tobija jarġa' jara d-Dawl*

Ix-xwejjaħ Tobija qabad jitħasseb fuq li ibnu ddawwar, u Anni martu tibki u tixher luma ssibx sabar, u ġejja u sejra tittawwal mit-tieqa u tgħarrex, dejjem bit-tama li tarah ġej.

U meta, wara ħdax-il jum, waslu f'Xaran, nofs triq minn Ninivieh, iż-żagħżugħ barrani qal lil Tobija iż-żgħir: "Ħalli aħna nitilqu u mmorru minn quddiem nagħtu l-bxara lil missierek, għax mur ara xi jsaħħan rasu fuqek billi ddawwartlu; u martek u n-nies li magħha u l-merħliet u l-bhejjem jibqgħu ġejjin għalihom. ħalli aħna nilħqu qabilhom għand missierek. U ġib miegħek il-marrara tal-ħuta għax tkun tinħteġilna. U hekk kif naslu d-dar, agħti qima u bierek lill-Mulej Alla tiegħek talli għamel miegħek; imbagħad ersaq quddiem missierek ubusu, u idliklu għajnejh b'dik il-marrara tal-ħuta; u, kif ngħidlek jiena, dlonk missierek jara l-ikħal tas-sema u jifraħ ferm jarak bid-dawl ta' għajnejh.

U l-kelb ta' Tobija kif qorbu lejn id-dar, telaq jiġri u jferfer denbu bħallikieku biex jgħarraf lil sid id-dar li ibnu kien wasal. U malli waslu qrib id-dar, ommu lemħet lil binha ġej, u marret tagħti l-aħbar lil missieru, u dan qam u b'idu f'id wieħed mill-qaddejja tiegħu, telaq lejn l-għatba jilqa' lil ibnu. U x'ħin tgħannqu u iżżew ħajr l'Alla qagħdu bil-qiegħda. Imbagħad Tobija ħa l-marrara tal-ħuta u għal nofs siegħa dam jidlik-lu għajnejh lil missieru, u bħal rita ta' bajda waqgħet minn għajnejn missieru, u fil-ħin raġa' ra d-dawl. U lkoll flimkien, wiċċhom fl-art, bierku l'Alla. U issa laħqet Xara u l-qaddejja tagħha, u l-iġmla u l-ġid li kien tahom Rakjieli, u għal ġimgħa sħiħa għamlu għors kbir u stiednu magħhom il-qraba u l-ħbieb tagħhom.

U Tobija ix-xiħ, u ibnu Tobija ftiehmu flimkien x'jaqbdu jroddulu lil dak it-twajjeb barrani talli waqaf magħhom u ħenn għalihom u mliehom b'kull ġid; u xtaqu jnewlulu nofs il-ġid li ġiebu magħhom. Iżda hu weġibhom: "Fil-waqt li inti kont titlob lill-Mulej bid-dmugħ f'għajnejk u kont tidfen il-mejtin, jien kont inwassal it-talb tiegħek l'Alla. U la darba inti għoġobtu l'Alla, kien jiġi minnu li inti tkun imġarrab. U fuq hekk il-Mulej issa bagħatni nfejqek; U Xara, mart ibnek, neħlisha mix-xitan. Jiena Rafiel, wieħed mill-ewwel seba' Anġli minn ta' quddiem Alla". U dawk l-imsieken, kif temm kliemu, xteħtu wiċċhom fl-art quddiemu. Iżda l-anġlu minnufih sabbarhom: "L-hena magħkom, m'għandkomx mniex tibżgħu. Bierku, iva, l'Alla u xandru ma kulħadd b'kemm ħwejjeġ tal-għaġeb waqqaf magħkom". U ħin bla waqt, għab minn quddiemhom, n ma setgħux jerġgħu jarawh. U għalkemm il-siegħa baqgħu mixħutin wiċċhom fl-art ibierku l'ALLA.

Tobija l-missier għex tnejn u erbgħin sena oħra wara li reġa' ġieħ id-dawl, u miet ta' MIJA U SENTEJN u difnuh f'Niniveh; u ibnu Tobija għex sa disa' u disgħin sena u ra l'ulied uliedu.

A.M.G.